**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**
**DEĊIŻJONI NUMRU 1185**

**KAŻ NRU: 1378**

**Fil-kwistjoni tax-xogħol**
**bejn**
**Reuben Demanuele**
**u**
**Soċjeta Tony Aquilina Ltd**
**dwar tkeċċija mill-impieg**
**allegata li hi nġusta**

**Data: 29 ta' Marżu 2001**

**CHAIRMAN: Is-Sur Colin Tabone**

Din il-kwistjoni tax-xogħol ġiet referita lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Viċi Prim Ministru u Ministru għal Politika Soċjali permezz ta' ittra datata 1 ta' Ottubru 1999, ref: MSP/T1/78/99 biex tiġi proċessata skond il-provediment ta' l-Artiklu 28(2) tal-kap. 266 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-appellant kien assistit minn Dr. Tonio Azzopardi u għas-soċjeta dehru Raymond Aquilina assistit minn Dr. Harry Antoncich.

**Dikjarażżjonijiet tal-każ:**

L-appellant iddikjara li beda jaħdem mal-kumpanija Tony Aquilina Ltd. fis-17 ta' Mejju 1999 bi 'probation period' ta' 3 xhur u tkeċċa fis-7 ta' Settembru 1999.

Fis-6 ta' Settembru 1999 kien weġġa fuq il-post tax-xogħol meta kien nieżel mill-kabina tat-'truck' tax-xogħol u ħabat irkobbtu mal-'bolt' tar-rota. Dak in-nhar kompla jaħdem avolja kien

muġugħ. L-għada filgħodu ċempel lill-imgħallem biex jgħidlu li ma setax imur għax-xogħol minħabba l-uġigħ iżda ġie ordnat imur għax-xogħol xorta waħda. Ġie mqabbad jagħmel xogħol pero ma setax jagħmlu minħabba l-uġigħ li kellu. Minħabba f'hekk ġie mkeċċi mill-imgħallem li kien irrabjat.

Minn naħa tagħha l-kumpanija issottomettit li l-appellant kien problemi waħdu, jiskarta u jittraskura x-xogħol, iġib ħafna skużI u li ma kienx moħħu fuq ix-xogħol tant li ħabat ħames darbiet f'temp ta' erba xhur.

L-appellant kien ta' eżempju ħażin lill-impjegati l-oħra u dak in-nhar li tkeċċa ċempel fis-6.15 am meta suppost kien diġa fuq ix-xogħol u qal li kien mweġġa.

Ġew ippreżentati ċertifikati mill-isptar San Luqa dwar il-viżita ta' l-appellant fis-7 ta' Settembru 1999 u ċertifikat ta' l-ETC tal-bidu u tat-tmiem ta' l-impjieġ.

**Osservażżjonijiet:**

Xehdu d-diretturi tas-soċjeta Tony Aquilina Ltd., l-iskrivana tas-soċjeta, t-tabib li ra lill-appellant fis-7 ta' Settembru 1999 u l-appellant innifsu.

Mix-xhieda ħarget li r-relażżjoni bejn is-soċjeta u l-appellant ma kienetx xi waħda tajba. Jidhru li kien hemm okkażjonijiet fejn tressqu ilmenti minn xi klijenti u mis-soċjeta mfisha kontra l-appellant.

Is-soċjeta ma kellhix l-abitudni li tagħti twissijiet bil-miktub iżda bil-fomm. Ġie mqajjem minn naħa ta' l-appellant li s-soċjeta qatt ma tellagħt xhieda minn dawk li ilmentaw fuqu.

Kien hemm nuqqas ta' qbil għar-riqward il-paġa li kellu l-appellant.

**Konklużżjoni:**

It-Tribunal għandu quddiemu diversi domandi x'jagħmel:

1. Jekk l-appellant kien problemi waħdu, għaliex is-soċjeta ma' tterminatx l-impieg fi żmien it-tlett xhur 'probation'?
2. L-ilmenti tas-soċjeta għax-xogħol għar-rigward in-nuqqasijiet mal-klienti - Għaliex ma ġie mtella ebda xhud biex jiġu sostanżjati?
3. In-nuqqas ta' qbil dwar il-paġa ta' l-appellant - Għaliex ma kienx hemm qbil?

Dawn id-domandi jdgħahfu l-pożiżżjoni tas-soċjeta. T-Tribunal mhux qed jgħid li ma kienx hemm ilmenti ma' l-appellant pero' dwan kienu verbali u mhux dokumentati. Il-fatt li minkejja dawn l-ilmenti xorta l-appellant baqa fl-impieg wara il-'probation period' ma jsaħħux l-arġument.

Fil-jum tat-tkeċċija, l-appellant kien mweġġa. Jidher li s-soċjeta ħadet deċizzjoni tat-tkeċċija daqsxejn imgħaġġla. Iċ-ċertifikat mediku jikkonferma li l-appellant ma kienx f'pożiżżjoni li jaħdem.

B'dan il-'background' u wara li t-Tribunal studja u wiżen bir-reqqa x-xhieda, jiddikjara li t-tkeċċija ta' l-appellant ma kienitx ġusta skond il-liġi.

Għaldaqstant jordna lis-soċjeta Tony Aquilina Ltd biex tħallas is-somma ta' LM 500 għad-danni li sofra.

Għal finijiet ta' l-avviż leġali nru 48 tal-1986, jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista il-partijiet fl-ammont ta' LM 40.

B'hekk jintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

Colin Tabone
Chairman

M'Rose Galea
A/Seġretarja